Dispożittiv

L-Artikolu 40 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, tat-2 ta' Mejju 1992, ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali li teżenta mit-taxxa fuq il-valur fissuq tal-proprjetà immobbli li tinsab fit-territorju ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea lill-kumpanniji li għandhom is-sede tagħhom fit-territorju ta' dan l-Istat u li tissuġġetta din l-eżenzjoni, għal kumpannija li s-sede tagħha tinsab fit-territorju ta' Stat terz membru taż-Żona Ekonomika Ewropea, għall-eżistenza ta' konvenzjoni dwar għajnuna amministrattiva konkluża bejn dan l-Istat Membru u dan l-Istat terz bil-għan li jiġu miġġielda l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa jew għall-kundizzjoni li, b'applikazzjoni ta' trattat li jinkludi klawżola ta' nondiskriminazzjoni minħabba ċ-ċittadinanza, dawn il-persuni ġuridiċi ma għandhomx ikunu suġġetti għal taxxa għola minn dik li għaliha huma suġġetti l-kumpanniji stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru.

([1]) ĠU C 102, 01.05.2009, p. 12.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla Awla) tal-21 ta' Ottubru 2010 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Symvoulio tis Epikrateias — il-Greċja) — Idryma Typou A.E. vs Ypourgos Typou kai Meson Mazikis Enimerosis

(Kawża C-81/09) ([1])

("Libertà ta' stabbiliment — Moviment liberu tal-kapital — Dritt tal-kumpanniji — L-Ewwel Direttiva 68/151/KEE — Kumpannija pubblika ta' responsabbiltà limitata li taqa' taħt is-settur tal-istampa u tat-televiżjoni — Kumpannija u azzjonista li għandha iktar minn 2,5 % tal-ishma — Multa amministrattiva flimkien u in solidum")

(2010/C 346/19)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Qorti tar-rinviju

Symvoulio tis Epikrateias

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Idryma Typou A.E.

Konvenuta: Ypourgos Typou kai Meson Mazikis Enimerosis

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Symvoulio tis Epikrateias — Interpretazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 68/151/KEE, tad-9 ta' Marzu tal-1968, dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri minn kumpanniji fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 58 tat-Trattat, bil-għan li tagħmel dawn is-salvagwardji ekwivalenti f'kull parti tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 3) — Dispożizzjoni nazzjonali li tistabbilixxi responsabbiltà *in solidum* bejn, minn naħa, kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata li topera fis-settur tal-istampa u tat-televixin u, min-naħa l-oħra, l-azzjonisti tagħha li jżommu sehem ta' iktar minn 2.5% tal-kapital azzjonarju, għall-ħlas ta' multi amministrattivi imposti minħabba l-attività ta' tali kumpannija

Dispożittiv

(1) *L-ewwel Direttiva tal Kunsill 68/151/KEE, tad 9 ta' Marzu tal 1968, dwar il- koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri minn kumpanniji fis sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 58 tat-Trattat, bil-għan li tagħmel dawn is-salvagwardji ekwivalenti f'kull parti tal-Komunità għandha tiġi intepretata fis-sens li ma tipprojbixxix leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik tal-Artikolu 4(3) tal-Liġi Nru°2328/1995 "Qafas ġuridiku tat-televiżjoni privata u tar-radju lokali, risoluzzjoni ta' kwistjonijiet marbutin mas-suq radjuteleviživ u dispożizzjonijiet oħrajn", kif emendat bil-Liġi Nru 2644/1998 "dwar il provvista ta' servizzi radjufoniċi u televiżwali bi ħlas", li tipprovdi li l-multi previsti fi- paragrafi preċedenti ta' dan l-artikolu għal ksur tal-leġiżlazzjoni u tar-regoli tad-deontoloġija li jirregolaw il-funzjonament tal-istazzjonijiet televiżivi huma imposti flimkien u in solidum, mhux biss fuq il-kumpannija li għandha l-liċenzja għall-ħolqien u għall-użu ta' stazzjon televiżiv, iżda wkoll fuq l-azzjonisti kollha li għandhom perċentwali ta' ishma ta' iktar minn 2,5 %.*

(2) *L-Artikoli 49 TFUE u 63 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprojbixxux tali leġiżlazzjoni nazzjonali.*

([1]) ĠU C 102, 01.05.2009

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Awla Manja Awla) tas-26 ta' Ottubru 2010 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Unabhängiger Finanzsenat, Außenstelle Wien — l-Awstrija) — Ingrid Schmelz vs Finanzamt Waldviertel

(Kawża C-97/09) ([1])

("Sitt Direttiva tal-VAT — Artkoli 24(3) u 28i — Direttiva 2006/112/KE — Artikolu 283(1)(ċ) — Validità — Artikoli 12 KE, 43 KE u 49 KE — Prinċipju ta' trattament ugwali — Skema speċjali għall-impriżi żgħar — Eżenzjoni mill VAT — Rifjut għall-benefiċċju tal-eżenzjoni lill-persuni taxxabbli stabbiliti fi Stati Membri oħrajn — Kunċett ta' 'dħul mill bejgħ annwali' ")

(2010/C 346/20)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Unabhängiger Finanzsenat, Außenstelle Wien